## X'INKITEB W INTQAL FUQNA

### LA VALETTE - L-Ewwel Mitt Sena Storja - Kan. J. Ciarlo', 1994

Jekk f'Malta nsibu żewġ Socjetajiet Mużikali b'relazzjoni ta' ħbiberija antika u kbira huma bla dubju ta' xejn is-Socjeta San Pawl Banda Konti Ruġġieru u s-Socjeta Filarmonika Nazzjonali La Valette. Dan ma narawħx biss għal fatt li dawn iż-żewġ baned jieħdu sehem fil-festi ta' xulxin, iżda wkoll għal fatt li kellhom bosta membri u diriġenti fil-kumitati ta' xulxin. Insemmu lill-Avukat Agostino Naudi u l-Avukat Alfredo Caruana Gatto li kienu Presidenti taż-żewġ Socjetajiet, kif ukoll lis-Surmast Taljan Giuseppe Vitaliti. Dwar dawn il-personalitajiet u oħrajn naqraw aktar fil-ktieb tant interessanti li kiteb il-Kanonku John Ciarlo' dwar l-Istorja tal-Banda La Valette.

Il-Kan. Ciarlo' f'dan il-ktieb jirreferi għal artiklu ppublikat f'Il-Festi Tagħna Għadd Nru 10, 1986 intitolat 'L-Innu Marcia San Paolo ta' Mro. G. Botti miktub minn Joseph Scerri, liema artiklu jiddeskrivi kif dan l-innu immortali wasal biex beda jindaqq mill-Banda Popolari Konti Ruġġieru.

### WIRJA TA' RELIKWJI U RELIKWARJI

Bejn l-5 t'April u l-4 ta' Mejju ittellgħet wirja ta' relikwji u relikwarji fil-Mużew tal-Katidral l-Imdina. Għal wirja fost ħafna relikwji ta' prestiġju oħra, kien hemm wkoll ir-relikwji mezzo-busti u oħrajn li l-ispanjol Juan Beneguas ġab processjonalment (c. 1600) għal Grotta ta' San Pawl, u li sal-lum wieħed għadu jista' jarahom magħluqin f'nicca fuq l-artal ta' San Publiju.

F'din il-wirja wkoll kien hemm ir-relikwarju li sal-1964 kien jinżamm fil-knisja parrokkjali ta' San Pawl, propju flok il-bieb li illum jagħti għall-Kulleġġ u l-Grotta. Din il-wirja, b'mod specjali ir-relikwji tal-Kolleġġjata tagħna, ġiet mogħtija importanza specjali mill-mezzi kollha tax-xandir.

### MALTA THIS MONTH July 1994

F'paġni 50-51. propju fin-nofs ta' din ir-rivista maħruġa mill-Air Malta reġa' għal darba oħra ġie stampat ritratt bil-kulur tal-faccata tal-Kolleġġjata ta' San Pawl tar-Rabat mixgħula għal festa tagħna.

